# il-Ħuttafa

Numru **176**

Mejju - Ġunju 2023



Farfett tal-Ġarġir

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf



Desirée Falzon

Żewġ żringijiet kuntenti f'għadira ilma ħelu

# Ħbieb naturalisti..

mill-editur

"Vic, għadek ġej mill-Ħawaii?"

Jien: "Le, għaliex?"

"Ħeħe, għax għandek il-fjuri f'xagħrek!"

Niċċekkja xagħri, u veru nsib tliet fjuriet żgħar ċelesti :)

Eħħ, dik il-pjombina!

Il-pjombina hija arbuxell kbir li jagħmel fjuri ċelesti. Fil-parapett tad-dar għandi din l-imbierka pjombina u tant saret goffa li kull meta ngħaddi minn ħdejha nħokk magħha u nimtela blanzuni li jeħluli ma' xagħri u mal-ħwejjeġ.

Għalhekk iddeċidejt li niżborha ftit, jiġifieri naqtgħalha ftit xagħarha!

Ħriġt l-imqass taż-żbir imma kif kont se nibda, niżel farfett żgħir f'tarf fergħa li kont ħa naqta', dam ftit sekondi u tar. Imbagħad niżel fuq fergħa oħra, u l-istess: żewġ sekondi, u tar. U baqa' sejjer hekk.

Ħmm, tgħid kienet farfett mara qed tbid? Iċċekkjajt bir-reqqa l-post fejn niżlet u fl-aħħar rajthom: blalen żgħar bojod imxerrdin fuq weraq żgħar fi truf il-frieghi.

Jien u nħares rajt ċaqliqa tikka 'l bogħod: kien dudu żgħir kannella qed jattakka dudu abjad ħafna iżgħar minnu! Mort niġri nġib il-kamera macro, u sa ma ġejt kien diġà kiel nofsu! Viċin kien hemm bħal tinda magħmula minn blanżuni marbutin b'ħarir fin, u fit-tinda rajt brimba żgħira qed issoff dubbiena ħadra. U fuq zokk irqiq fil-qrib rajt serbut nemel għassa ma' merħla afidi *(greenfly)* sofor!

Insomma, spiċċajt ma żbart xejn. Dik l-attività kollha ma kellix il-qalb infixkilha.

U sintendi, l-għada erġajt kont qisni tal-Ħawaii!

Happy holidays, ħbieb!

Victor

**Victor Falzon** L-Editur

Victor Falzon




## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Aron Tanti

### Farfett tal-Ġarġir

Bath White *Pontia daplidice*

Wieħed mit-tliet speċi ta' friefet bojod li naraw f'pajjiżna, u l-inqas wieħed komuni fosthom. Jingħaraf mill-oħrajn għax għandu iktar disinji u dbabar skuri, speċjalment fuq il-ġwienaħ t'isfel. Ibid fuq pjanti tar-ravanell, denb il-ħaruf, liftija... u sintendi fuq il-ġarġir, kif jurina ismu.



Klabb Ħuttaf · Dinja Waħda · BirdLife Malta

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 3 |
| Għaliex? | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| Itma' 'l min hu bil-ġuħ! | 5 |
| Il-Passaport | 6 |
| Bżżżżż! | 7 |
| Ċirlewwa Prima | 8–9 |
| Maquis habitat | 10 |
| Agħtiha l-kulur | 11 |
| Photo Gallery | 11 |
| Young Birders Club | 12 |
| Be nice to nature | 13 |
| Nature Guardians | 13 |
| Dangerous sea animals | 14 |
| Il-Brimba Rrigata | 15 |
| The plot of the storm! | 16 |


## Kitbu

Thais Amaral (National Aquarium), Elena (Ecohive), Desirée Falzon, Victor Falzon, Martin Muscat.

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and work to help nature
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

## Kuntatti

tel **21347645 / 21347646**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, June 2023
Design and production Victor Falzon
Printer at Poulton's Print on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052



Victor Falzon

# Il-proġett biex jirvina l-Bajja tal-Mellieħa ... waqaf !

Sa ftit ilu kien hemm maħsub proġett biex titwessa' r-ramla tal-Mellieħa. Biex jagħmlu dan kienu ħa jħammlu ħafna ramel minn qiegħ il-baħar u jifirxuh fuq ix-xatt. U dan kollu għaliex? Biex iżidu l-wisa' għal iktar dekċers u umbrelel! Dan kien se jagħmel ħsara kbira lill-ambjent naturali tax-xatt u ta' qiegħ il-baħar! Issa qrajna li l-proġett twaqqaf. Tajjeb! Aħna li nħobbu n-natura nisperaw li twaqqaf għal dejjem.

# Mostru fis-Simar!



Kif inhu bħalissa...



Kif se jkun!

**Għadu kemm ħareġ il-permess biex jinbena blokk ikrah ta' tmien sulari fuq l-għatba tar-riserva naturali tas-Simar. Il-BirdLife ħa tagħmel minn kollox biex dal-mostru tal-konkos ma jitwilidx!**

## X'għandna mid-dinja?

### Iktar EVs !





Dis-sena jistmaw li fid-**dinja** ħa jinbiegħu total ta' **14-il miljun karozza** tal-elettriku. Meta tqis li fid-dinja hawn 1.4 *biljun* karozzi petrol jew diżil, din tidher qatra fil-baħar. Imma din xorta aħbar tajba għall-ambjent. U kull sena n-numru qed jikber għax iktar kumpaniji tal-karozzi qed jaqilbu għall-elettriku.

### Bix-xemx u r-riħ !





Għall-ewwel darba l-**Portugall** uża iktar elettriku mix-xemx u r-riħ milli minn *fossil fuels*. F'April li għadda, **51%** tal-enerġija li ntużat fil-pajjiż ġiet minn *solar farms* u *wind farms* – enerġija nadifa li ma tniġġisx. Ngħidulhom *renewables* għax ir-riħ u d-dawl tax-xemx ma jispiċċawx.

### Fix-xifer...





Fl-**Unjoni Ewropea** l-volpi abjad *(Arctic fox)* wasal f'xifer l-estinzjoni (**Critically Endangered**). Wara sekli jaqbduh u jikkaċċjawh għall-fer, issa għandu problema ikbar: il-klima qed tisħon u qed tibdel l-ambjent tat-[1]tundra fejn jgħix dan l-annimal simpatiku. Fl-UE kollha baqa' biss ftit numri fl-Iżvezja u l-Finlandja.

[1]**tundra.** Ħabitat kiesaħ fin-naħa ta' fuq tad-dinja, fejn jikbru pjanti baxxi, likeni u ftit li xejn siġar.



# Għaliex?

Desirée Falzon

## 3 Għaliex il-ħamrija kannella ?


Aron Tanti

**Il-kulur tal-ħamrija jiġi minn żewġ affarijiet: mill-blat, u minn fdalijiet ta' annimali u pjanti. Imma kif?**

### Eluf ta' snin...

Fuq medda ta' mijiet u eluf ta' snin, il-blat jinqasam u ftit ftit isir trab. Dan jiġri bl-effetti tat-temp: bir-riħ, bix-xita, bil-kesħa u bis-sħana.

L-elementi biż-żmien idgħajfu l-blat, u dan jibda jinqasam f'ġebel iktar żgħir. Il-ġebel jirrumblaw u jħokku ma' xulxin, u jkomplu jitfarrku f'biċċiet iżgħar. Wara ħafna snin isiru żrar u frak qisu ramel.

### Kuluri mill-blat . . .

Fil-blat ikun hemm dawk li ngħidulhom **minerali**. Dawn huma tipi ta' sustanzi, bħall-ħadid. Il-kulur kannella jiġi mill-kulur ta' dawn il-minerali li jkunu fil-ġebel. Kif jaf kulħadd, meta l-ħadid jinkixef għall-arja, jissaddad u jsir kannella. Għalhekk ħamrija li jkollha ħafna ħadid tkun ħamranija bħall-kulur tas-sadid. Ħamrija bajdanija jkollha fiha minerali li ngħidulhom silikati. Ħafna mill-ħamrija ta' Malta hija bajdanija għax fiha ħafna kalċju (ġir), mineral li l-blat tal-Gżejjer Maltin magħmul minnu.



Desirée Falzon

### . . . u min-natura!

It-tieni sors tal-kulur kannella huwa **materjal organiku**, jiġifieri fdalijiet ta' annimali u pjanti. Meta l-affarijiet ħajjin imutu, jitlaq il-kulur, bħal werqa niexfa, u jibqa' biss il-kulur kannella. Ħamrija li jkollha ħafna materjal organiku tkun skura ħafna. Din tkun ħamrija tajba ħafna biex tkabbar ħxejjex għax ikollha ħafna sustanzi minn affarjiet li xi darba kienu pjanti jew annimali.

### Daqs id-deheb!

Tisma' min jgħid li l-ħamrija ħamra jew skura hija l-aħjar, imma tiskanta kif fin-natura kollox isib postu skont l-ambjent tiegħu. Pereżempju s-sabiħa papoċċa ħamra tkabbar dawk il-bukketti l-ġmiel tagħhom minn ħamrija bajda, anke minn ftit trab miġbur f'ġenb it-triq.

Hu x'inhu l-kulur tal-ħamrija, tajjeb niftakru li l-ħamrija hija prezzjuża ħafna. La għandna nordmuha taħt il-konkos u lanqas narmu fiha żjut, veleni u mbarazz artifiċjali bħal plastik u lastku. Għandna ngħożżuha daqs id-deheb u nibżgħu għaliha għax jekk nitilfuha rridu nistennew elf sena biex terġa' tifforma!


Victor Falzon



# L-Għasafar KOLLHA ta' Malta

F'Malta s'issa dehru ftit **iktar minn 400 speċi** ta' għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F'dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha! Dawn huma **Numri 71** sa **80**...

Ritratti Aron Tanti, Adin Vella

71

Isem Malti
**Kanġu tal-Atlantiku**
Isem Ingliż
**Leach's Storm-petrel**
Isem xjentifiku
*Hydrobates leucorhous*

72

Isem Malti
**Kanġu tal-Lvant**
Isem Ingliż
**Swinhoe's Storm-petrel**
Isem xjentifiku
*Hydrobates monorhis*

73

Isem Malti
**Garnija Sewda**
Isem Ingliż
**Sooty Shearwater**
Isem xjentifiku
*Ardenna grisea*

74

Isem Malti
**Ċiefa**
Isem Ingliż
**Scopoli's Shearwater**
Isem xjentifiku
*Calonectris diomedea*

75

Isem Malti
**Ċiefa tal-Atlantiku**
Isem Ingliż
**Cory's Shearwater**
Isem xjentifiku
*Calonectris borealis*

76

Isem Malti
**Garnija tal-Atlantiku**
Isem Ingliż
**Manx Shearwater**
Isem xjentifiku
*Puffinus puffinus*

77

Isem Malti
**Garnija**
Isem Ingliż
**Yelkouan Shearwater**
Isem xjentifiku
*Puffinus yelkouan*

78

Isem Malti
**Garnija Balearika**
Isem Ingliż
**Balearic Shearwater**
Isem xjentifiku
*Puffinus mauretanicus*

79

Isem Malti
**Ċikonja Sewda**
Isem Ingliż
**Black Stork**
Isem xjentifiku
*Ciconia nigra*

80

Isem Malti
**Ċikonja Bajda**
Isem Ingliż
**White Stork**
Isem xjentifiku
*Ciconia ciconia*

**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b'iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

# Itma' 'l min hu bil-ġuħ!




Maurice Falzon

Fir-rebbiegħa jitfaċċaw ir-rettili wara r-raqda tax-xitwa. Fost dawn hemm ix-**xaħmet l-art** *(ocellated skink)*. Jekk għandkom xi xaħmet l-art fil-ġardina u tixtiequ tosservawh u tgħinuh fl-istess ħin, oħorġulu ftit ikel u araw ġej għalih. Fir-ritratt jidhru tlett iħbieb (forsi aħwa) ilefilfu pranzu sħiħ!

# Ħbieb,

Dan l-aħħar, l-iskola tawna l-card personalizzata tal-Passaport ta' Heritage Malta. Permezz ta' din il-card, l-ewwel darba li mmur f'sit ta' Heritage Malta, jagħtuni passaport li bih nistà nidħol b'xejn, flimkien mal-ġenituri tiegħi, f'ħafna siti ta' Heritage Malta madwar Malta u Għawdex.

Is-sibt filgħodu tlaqna lejn il-Belt, b'din il-card fil-but tal-qalziet tiegħi. Jien kont eċċitata ħafna sabiex nara x'fihom dawn il-mużewijiet u mxejt b'pass mgħaġġel lejn MUŻA. Kif wasalna, urejt il-card tiegħi lill-impjegati ta' MUŻA, u dawn tawni passaport, ktieb zgħir li fih paġna ddedikata għal kull sit differenti ta' Heritage Malta, u ttimbrawli l-paġna fejn kien hemm MUŻA.

Kemm ħadt pjaċir nara l-pitturi, skulturi u għamara, fost ħafna affarijiet oħra li hemm għall-wiri f'dan il-Mużew Nazzjonali tal-Komunità.

Min hemmhekk bqajna neżlin Forti Sant'Iermu fejn hemm il-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra. Hemmhekk jien rajt ajruplan tal-gwerra, vetturi militari, uniformijiet, armi u affarijiet tal-ħajja ta' kuljum li kienu jintużaw waqt it-Tieni Gwerra Dinjija.

Żaqqi bdiet tgerger, għax bil-kurżità li kelli biex nara l-affarijiet sbieħ f'dawn il-mużewijiet, lanqas indunajt li sar ħafna ħin. Morna nieklu xi ħaġa ġo wieħed mid-diversi ristoranti li hemm il-Belt Valletta imma qabel nitilqu lura, ridt immur nara l-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija.

Wara li rajna ħafna affarijiet mill-preistorja ta' Malta, tlajna fuq fejn hemm il-Gran Salon – sala kbira u majestuża b'ħafna tiżjin mal-ħajt. Indunajt li kien hemm xi nies lebsin l-abjad li kienu qed jagħmlu xi xogħol fuq il-ħajt. Mort ħdejhom u staqsejthom x'qed jagħmlu. Waħda minnhom qaltli li qed jirrestawraw din is-sala permezz tal-għajnuna finanzjarja tal-Bank of Valletta. Diġà ilhom iktar minn 4 snin fuq dan il-proġett u d-differenza bejn fejn ġie rrestawrat u fejn għadu le tidher ħafna.

Tlaqna lura lejn id-dar għax kont għajjejt daqs kemm imxejt, kuntenta li diġà kelli 3 timbri fuq il-passaport u diġà bdejt nippjana liema siti se ngħid lill-ġenituri tiegħi biex joħduni.

Inħeġġiġkom tagħmlu użu minn dan il-passaport, għax fis-siti ta' Heritage Malta hemm ħafna affarijiet x'tara u x'titgħallem, u tħossok kburi b'art twelidek.

Nina






BOV
Bank of Valletta

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

# Bżżżżżż!



**Naħla tal-Għasel**
**Honey-bee**

Meta ngħidu "naħla" ħafna nies jaħsbu f'dak l-insett bieżel li jagħmel l-għasel. Imma n-naħla tal-għasel hija biss **speċi waħda fost ħafna** speċi oħrajn ta' naħal. Fid-dinja jeżistu xi 20,000 speċi differenti ta' naħal. F'Malta wkoll għandna ħafna speċi ta' naħal. Dawn huma biss tmienja minnhom!



**Naħla Buqrun**
**Longhorn Bee**



**Naħla tat-Toqob**
**Kohl's Megachilid Bee**



**Naħla tal-Ġonna**
**White-banded Digger Bee**



**Bomblu Iswed**
**Large Carpenter Bee**

Din jgħidulha *carpenter bee* għax tħaffer toqob fil-qasab biex tibni l-bejta ġo fih.



**Naħla tat-Trofof**
**Hairy-footed Flower Bee**

Din semmejnieha 'tat-trofof' għax ir-raġel ikollu bħal trofof suf iswed ma' saqajh.



**Naħla Żebrina**
**Cuckoo Bee**

Din jgħidulha *cuckoo bee* għax tbid f'bejtiet ta' naħal oħrajn, bħalma tagħmel id-daqquqa kaħla – il-*cuckoo*.



**Bomblu**
**Buff-tailed Bumblebee**



**Naħla tal-Bebbux**
**Sicilian Snailshell Bee**

Din semmejnieha 'tal-bebbux' għax tagħmel il-bejta f'qoxra vojta ta' bebbuxu!

Aħna l-iskola dejjem jgħallmuna biex l-affarijiet nerġgħu nużawhom!

Ritratti ta' Desirée Falzon u Victor Falzon

# Ċirlewwa Prima

**Caspian Tern** *Hydroprogne caspia*



Ritratt ta' Aron Tanti meħud fir-riserva naturali tas-Salina


BirdLife
MALTA

# Maquis Woodlands




In local maquis, one often finds lentisk trees (id-deru) which are evergreen and are indigenous to the Mediterranean.



The lentisk grows in dry, rocky areas or on the sides of valleys. In late summer to early autumn, it produces red berries which turn black when ripe. These berries are important as they are an important food source for some bird species, including migratory birds.



Like the lentisk tree, the carob tree is also an important Mediterranean evergreen tree. It has green, roundish, thick leaves which are adapted to dry conditions by helping the tree retain water. They usually have female and male flowers growing on different trees. When the female flowers are fertilized, they produce edible pods which are initially green and turn brown when ripe.

Maquis habitats are usually characterized by small trees and large shrubs and occur along the sides of valleys, along slopes and other inaccessible areas sheltered from wind. Locally one typically finds carob trees (il-ħarrub) and lentisk trees (id-deru), however one may also find olive trees (siġar taż żebbuġ), wild figs (is-siġar tat-tin), wild almond (is-siġra tal-lewż), as well as the bay laurel (ir-randa).

Both the lentisk and the carob trees are legally protected in the Maltese islands.

ERA
Environment & Resources Authority

# Agħti kulur!





Victor Falzon

## Il-bużbież

Il-bużbieża *(fennel)* tagħmel ħafna fjuri fis-sajf għas-sħana u l-qilla tax-xemx. Ħafna insetti jħobbu jinżlu fuqha biex jixorbu n-nektar mill-fjuri jew biex isoffu s-sugu mill-weraq tagħha. Fost dawn l-insetti hemm l-ispallut irrigat *(striped shield bug)*, li minnhom hemm tnejn fl-istampa.

L-ispallut irrigat naħseb iżomm mal-Milan!

## Photo Gallery



**Xaħmet l-Art**

Ritratt ta' Francesco Catania 9







We at Klabb Ħuttaf do lots of fun activities and adventures for you and your family. To learn about our next awesome activity check out our website!

www.birdlifemalta.org/events

# YOUNG BIRDERS CLUB






Hello, I'm **Martin Muscat** and I'm 12. Last year I joined BirdLife Malta's first Nature Guardians course and later Nicholas Galea invited me to join the Young Birders Club. With the Club, I have visited multiple places, went on lots of walks and learned about Maltese birds and nature. Here are some of my recent highlights!

## Kemmuna April 2023

In April we visited Kemmuna on a ringing trip. There we saw some very cool birds being ringed, like **turtle-dove**, several **nightjars** and even an amazing **cuckoo**. I was impressed by the fact that this bird is a sort of parasite. It lays its egg in another bird's nest, and when the young cuckoo hatches it pushes out the other eggs! In this way the cuckoo doesn't need to take care of its own young! Later in the day, myself and a couple of birders my age went birdwatching around BirdLife's ringing station and we spotted a **Montagu's harrier**, a **kestrel** and **chukars**.



Common Cuckoo

Aron Tanti



## Sicily May 2023



Collared Pratincoles

Aron Tanti



Avocet

Vctor Falzon

In May the club organised a day trip to Sicily, which was a first for me. We woke up early and went on the catamaran. Even on the catamaran we started birding as we saw some **yelkouan shearwaters** and **Scopoli's shearwaters**. Near the port of Pozzallo we saw three **dolphins**. When we arrived at the first nature reserve, Cuba & Longarini, the guide explained how the reserve had been bought by the Fondazione Pro Biodiversità to prevent poaching and help conserve biodiversity, endangered wildlife and its habitats. We saw lots of **greater flamingoes**, some **ferruginous ducks**, a couple of **red-crested pochards**, breeding **collared pratincoles**, two beautiful **marbled teals**, and two **glossy ibises** flying very close to us. Near Longarini is Cuba and here we saw **common terns**, **whiskered terns**, **Caspian terns** and **gull-billed terns**. We were also very lucky to spot a **white-headed duck**, which is very rare in Sicily. We had lunch at Marzamemi and talked about the birds we had seen. In the afternoon we went to Vendicari Nature Reserve, our final destination. Here we saw **avocet** with its young, a **great tit** and eight **spoonbills**! Before we knew it the day had gone by and we had to return to the catamaran. I will surely remember this wonderful trip with my friends from the Young Birders Club!










The **Young Birders Club** is part of **Klabb Ħuttafa**.
To join the group ask your parents to email
**nicholas.galea@birdlifemalta.org**

# Be nice to nature

## at the seaside



Buy ice-cream in wafer cones not in cups, so you can eat all of it without creating any litter like cups, lids and wrappers!



If a wasp visits you on the beach, don't panic! She doesn't want to sting you, she just wants a lick of your ice-cream!



Whenever you go for a swim always collect some plastic litter from the sea, then throw it in the litter bin on the beach. Imagine if everyone did that!

Vctor Falzon




When you buy sunblock check the label and make sure it's animal-friendly. If it's not on the label, it means the chemicals were tested on bunnies. Not nice!

Don't take home snail shells from the seaside. There are usually tiny hermit crabs hiding inside, and they will die away from their habitat.





Don't pick limpets (mħar) from the rocks. It's a nasty habit. I'm sure you brought plenty of food from home to eat.



# DANGEROUS SEA ANIMALS IN MALTA

MALTA NATIONAL AQUARIUM

Malta hosts many different sea creatures that can sting or bite humans, so watch out! However, always remember: we are actually the troublemakers, not other animals. The ocean is their home, not ours!

## MAUVE STINGER

This jellyfish has one of the most painful stings you would find in the Mediterranean! If you are stung, do not apply urine or vinegar... That's a myth that will make the stinging cells to explode even more and cause more pain. Instead, rinse with seawater and remove the tentacles with a card. If available, apply a mixture of baking soda (sodium bicarbonate) with seawater, and go to the doctor if you feel unwell.



## SPOTTED WEEVER

Known as Traċna tat-tbajja in Maltese, they have a spine behind their head with a venom gland. Although extremely unpleasant, weever stings are generally not dangerous to humans and the pain eases considerably within a few hours even if untreated. Its cousin (the common weever), though, is one of the most venomous fish in the Mediterranean Sea!



## RED SCORPIONFISH

Skorfna in Maltese, it is a venomous fish which spends most of its time lying on the seabed and is very very dangerous if stepped on due to their venomous spines.



## BEARDED FIREWORM

This animal is a type of marine worm (a polychaete of the phylum Annelida). The bristles, when flared, can penetrate human skin and inject a powerful neurotoxin that produces intense irritation and a painful burning sensation around the area of contact.





WWW.AQUARIUM.COM.MT

# FATTI FAWNA


Victor Falzon




# il-Brimba Rrigata

- **L-isem bl-Ingliż tal-brimba rrigata huwa banded argiope jew banded garden spider. L-isem xjentifiku huwa *Argiope trifasciata*.**
- **Il-brimba rrigata hija waħda mill-ikbar brimb ta' pajjiżna. Ġisem il-mara jilħaq tul ta' 2ċm u b'saqajha b'kollox tilħaq tul ta' 6ċm jew iktar.**
- **Ir-raġel tal-brimba rrigata huwa ħafna iżgħar mill-mara. Jikber biss sa xi 6mm!**
- **Il-brimba rrigata tinseġ għanqbuta b'saħħitha fil-baxx f'fetħa qalb il-friegħi ta' arbuxell. Imbagħad tintefa' rasha 'l isfel f'nofs l-għanqbuta tistenna l-priża tinqabad.**
- **Fl-għanqbuta taqbad insetti bħal dubbien, naħal, żnażan, ġurati u anke friefet. Iż-żnażan jidhru li huma fost il-priża favorita tagħha.**
- **Il-brimba rrigata tgħix f'diversi ħabitati. Ħabitat favorit huwa aktarx il-makkja, fejn jikbru arbuxelli folti. Imma anke f'ġonna ssibha, basta jkun hemm xi arbuxelli.**
- **F'Malta l-brimba rrigata nstabet l-ewwel darba fir-riserva naturali tal-Għadira fl-2003. Minn dak iż-żmien 'l hawn instabet f'diversi nħawi oħrajn, anke f'Għawdex.**
- **Meta tkun se tbid, il-brimba rrigata tinseġ pakkett pulit, qisu kikkra. Tbid fih sa 1000 bajda u tagħlqu b'għatu ċatt. Il-pakkett iddendlu viċin l-għanqbuta u madwaru tinseġ xibka ta' ħarir biex tbiegħed il-predaturi milli jiklulha l-bajd.**
- **Wara l-kedda tal-bejta l-omm titlef saħħitha u tmut matul ix-xitwa. Il-frieħ tagħha jfaqqsu fir-rebbiegħa.**


Victor Falzon

Il-pakkett tal-bajd


ECOHIVE MISSIONS
THE PLOT OF THE STORM
WRITTEN BY ELENA
IT WAS A STORMY DAY AT ECOHIVE...
ECOHIVE ACADEMY
BUT THE GARBAGE MONSTER WAS HAVING THE TIME OF HIS LIFE!
MWAHAHAHA!!!
FINALLY! I CAME UP WITH THE PERFECT PLAN!
I'LL FILL 500 TANKS WITH RAINWATER AND DROP THEM ON THOSE CURSED BEES. WITH THE STORM RAGING, THEY'LL NEVER KNOW IT WAS ME!
MEANWHILE AT ECOHIVE...
WEATHER ALERT!
GENERAL BUZZ, HAVE YOU SEEN THE WEATHER? IT'S BEST THE CADETS STAY INDOORS.
AGREED. LET'S TAKE A LOOK AT THE CAMERAS TO MAKE SURE NO ONE IS LEFT OUTSIDE.
OH NO! IT'S THE GARBAGE MONSTER! WHAT IS HE UP TO NOW?!
DANGER DETECTED!
AGENT RIBBIT! QUICKLY, GET YOUR TEAM IN POSITION! BE ON THE LOOK OUT FOR ANY TROUBLE AROUND ECOHIVE HQ!
AGENT RIBBIT
I'LL HAVE ALL MY AGENTS DEPLOYED IMMEDIATELY. LET ME GUESS, IT'S HIM AGAIN, ISN'T IT?
HAHAHA!
ALMOST THERE... I CAN'T WAIT!
I'LL FLOOD ECOHIVE'S FARM AND I'M OUT OF HERE! LET THE BEES DEAL WITH THE ENVIRONMENTAL DAMAGE.
EVERYONE, LET'S GRAB THE EDGES OF THE TENT AND SPREAD IT OVER ECOHIVE!
RRIPPPPP!
WHAT IS THIS?! WHAT IS HAPPENING?!
BOING!
BOING!
BOUNCE!
BOING!
WE SECURED THE ECOHIVE FARM! AND THE GARBAGE MONSTER IS SO CONFUSED!
GOOD JOB, RIBBIT! I SEE THE PRANK YOU PULLED! LET HIM TASTE HIS OWN MEDICINE....
GENERAL BUZZ
I'M NOT DONE YET! YOU'LL SEE, I WILL BE BACK AND GET YOU NEXT TIME!!!
HAHA! SURE YOU WILL, BUDDY... AND WE WILL BE RIGHT HERE, WAITING FOR YOU!
OH, THAT SILLY GARBAGE MONSTER! WE COLLECTED THE TANKS HE LEFT BEHIND AND WITH ALL THE RAIN WATER WE HAVE ENOUGH TO SUSTAIN ECOHIVE FARMS THROUGHOUT ALL OF SUMMER!
VISIT ECOHIVE.COM.MT/KIDS